



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Diċembru 2018 – QC vs Il-Kunsill Ewropew

(Kawża T-834/16)

“Rikors għal annullament – Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta' Marzu 2016 – Stqarrija għall-istampa – Kunċett ta' 'ftehim internazzjonali' – Identifikazzjoni tal-awtur tal-att – Portata tal-att – Sessjoni tal-Kunsill Ewropew – Laqgħa tal-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li nżammet fil-bini tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea – Kwalità tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni waqt laqgħa mar-rappreżentant ta' Stat terz – L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE – Nuqqas ta' kompetenza”

1. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Atti tal-Kunsill Ewropew – Inklużjoni – Limiti*

(Artikolu 15 TUE ; Artikolu 263 TFUE)

(ara l-punti 26-29)

2. *Rikors għal annullament – Atti li jistgħu jiġu kkontestati – Kunċett – Atti ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni li jipproduċi effetti legali vinkolanti – Dikjarazzjoni, ippubblikata fil-forma ta' stqarrija għall-istampa fuq is-sit Internet tal-Kunsill, fir-rigward tar-riżultati ta' laqgħa bejn il-kapijiet tal-Istat tal-Istati Membri u l-Prim Ministru Tork – Esklużjoni*

(Artikolu 263 TFUE ; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21)

(ara l-punti 31-36)

3. *Eċċezzjoni ta' illegalità – Atti li l-illegalità tagħhom tista' tiġi eċċepita – Att ta' natura ġenerali li fuqu hija bbażata d-deċiżjoni kkontestata – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet*

(Artikolu 277 TFUE)

(ara l-punt 46)

Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' ftehim allegatament konkluż bejn il-Kunsill Ewropew u r-Repubblika tat-Turkija fit-18 ta' Marzu 2016 u intitolat "Dikjarazzjoni UE-Turkija, 18 ta' Marzu 2016 u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE intiża li tikkonstata li l-Kunsill Ewropew allegatament naqas milli jieħu miżuri.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) QC u l-Kunsill Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.